StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża
CHRA PARVA PARVORUM PUL

# SKEJJEL PRIMARJI

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2011

| IL-ĦAMES KLASSI | MALTI FEHEM IS-SMIGĦ | Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

Isem:______________________________ Klassi:______________

## Il-Karta tal-Għalliema

**Gwida għat-tmexxija tal-eżami tal-fehem is-smigħ**

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

- Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel u ser tinqralhom l-istorja ***T-Tiġieġ ta' Olga***.
- Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.
- Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari.
- Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.
- L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn.
- Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.
- Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari.
- Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.
- Għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba. Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija.
- Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba. Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba.

**Agħżel it-tajba**



www.StudentBounty.com

1. Olga kienet
    a) omm l-ispettur ___________
    b) mart l-ispettur ___________
    ċ) il-ġara tal-ispettur ___________
    d) il-kunjata tal-ispettur ___________

2. It-tiġieġa li kien jisimha Żqajqa
    a) kienet tiekol ħafna u ħamra ___________
    b) kienet żgħira u sewda ___________
    ċ) kienet ġellieda u ħamra ___________
    d) kienet tiekol ħafna u bajda ___________

3. Minfejn daħlu l-ħallelin?
    a) mill-isqaq ___________
    b) mill-bieb ___________
    ċ) mill-bejt ___________
    d) mill-kantina ___________

4. Olga talbet lill-qaddis
    a) San Nikola ___________
    b) Sant'Antnin ___________
    ċ) San Sidor ___________
    d) San Bastjan ___________

5. Liema ġurnata tal-ġimgħa kienu nstabu t-tiġieġ?
    a) l-Erbgħa ___________
    b) it-Tlieta ___________
    ċ) is-Sibt ___________
    d) it-Tnejn ___________

6. Olga sabet it-tiġieġ kollha



www.StudentBounty.com

a) fil-bitħa ____________
b) fid-dar ____________
ċ) fil-gallinar ____________
d) fit-triq ____________

7. L-Ispettur Bloqq sar jaf min ħadlu t-tiġieġ

a) lejliet il-Milied ____________
b) l-għada tal-festa ____________
ċ) waqt li kien miexi fit-triq ____________
d) nhar il-festa tar-raħal ____________

8. Il-ħalliel stqarr kollox wara li xorob

a) tazza ħalib ____________
b) ħafna ilma ____________
ċ) ħafna nbid ____________
d) tazza luminata ____________

9. L-Ispettur Bloqq

a) daħak ħafna iżda kien irrabjat ____________
b) ma daħakx ħafna u rrapurtah lill-pulizija ____________
ċ) daħak ħafna iżda wara ftit qabdu jiġġieldu ____________
d) daħak ħafna u kien kuntent biċ-ċajta li għamillu ____________

10. Fis-***seba' sema*** tfisser

a) fis-sħab ____________
b) kuntenta ħafna ____________
ċ) bin-nervi ____________
d) bid-dwejjaq ____________

(1 – 10 = marka kull wieħed)

**11. Imla l-vojt**



www.StudentBounty.com

Olga għamlet wegħda biex it-tiġieġ jerġgħu jiġu _______________ u sħaħ

mingħajr xi rixa _______________.

(marka kull spazju = 2 marki)

12. **Immarka b'√ jekk hux veru jew falz**

| | **V** | **F** |
|---|---|---|
| a) L-Ispettur irnexxielu jsolvi l-każ. | | |
| b) Olga kellha tiġieġa jisimha Ċikwejra li kienet ħamra. | | |
| ċ) Il-ħalliel seraq t-tiġieġ kollha. | | |
| d) Ir-raġel ta' Olga ma riedx aktar flieles. | | |
| e) L-aktar għal qalb l-ispettur kienu t-tiġieġ. | | |
| f) Il-ħalliel ħalla l-marka ta' siequ fil-ħamrija. | | |

(1/2 marka = 3 marki)



www.StudentBounty.com